Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pl ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

l-Ingliż

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Swipe to change

Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

Polonja

1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

Ir-regoli dwar kif għandhom jiġu eżegwiti s-sentenzi fil-proċedimenti ċivili, inklużi l-kwistjonijiet kummerċjali, huma speċifikati fil-*Kodiċi Ċivili tal-Proċedura Ċivili (Kodeks postępowania cywilnego)* tas-17 ta' Novembru 1964 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2021, il-partita 1805).

L-eżekuzzjoni hija l-użu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' miżuri koerċittivi sanċiti fil-liġi sabiex jiġu rkuprati pagamenti dovuti lill-kredituri abbażi ta' titolu eżegwibbli. Il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jibdew meta jiġi ppreżentat rikors għal eżekuzzjoni.

It-titolu eżegwibbli iservi bħala l-bażi għall-eżekuzzjoni. Bħala regola, it-titolu eżegwibbli huwa ordni ta' eżekuzzjoni li jinkludi klawżola ta' eżegwibbiltà (l-Artikolu 776 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Din il-klawżola ma hijiex rikjesta għal xi ordnijiet mill-qrati maħruġa fil-livell ta' Stat Membru jew għal ftehimiet ta' soluzzjoni u dokumenti uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1153(14) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Jekk dawn is-sentenzi, ftehimiet ta' soluzzjoni u dokumenti uffiċjali jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, dawn jikkostitwixxu titolu eżegwibbli, li permezz tiegħu l-kredituri jkunu jistgħu jirrikorru direttament għand l-awtorità ta' eżekuzzjoni.

Hemm żewġ tipi ta' awtoritajiet li huma involuti fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni:

korpi ġudizzjarji – fi proċedimenti għall-inklużjoni ta' klawżola ta' eżegwibbiltà fl-ordni ta' eżekuzzjoni (l-imħallef presedenti, il-qorti distrettwali (sąd rejonowy), il-qorti reġjonali (sąd okręgowy) u l-qorti tal-appell (sąd apelacyjny));

l-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni – fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni; dawn huma qrati distrettwali u uffiċjali ġudizzjarji (l-Artikolu 758 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-partijiet fid-dikjarazzjoni ta' proċedimenti ta' eżegwibbiltà kif ukoll fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni huma d-debitur u l-kreditur.

Il-liġi Pollakka tiddistingwi bejn it-tipi ta' proċeduri ta' eżekuzzjoni li ġejjin:

Eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet pekunarji li jirriżultaw minn:

assi mobbli

remunerazzjoni għax-xogħol

kontijiet bankarji

obbligazzjonijiet oħrajn

drittijiet tal-proprjetà oħrajn

proprjetà immobbli

opri tal-baħar

Eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet mhux pekunarji li jirriżultaw minn:

riċeviment

bejgħ ta' negozju jew azjenda agrikola

pagamenti ta' manteniment. Il-qorti tinkorpora l-klawżola ta' eżegwibbiltà fuq bażi *ex officio* f'titolu eżegwibbli. F'każijiet bħal dawn, it-titolu eżegwibbli jiġi notifikat lill-kreditur fuq bażi *ex officio.* F'każijiet fejn jiġi ordnat manteniment, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jistgħu jibdew fuq bażi *ex officio* fuq talba tal-Qorti tal-Prim'Istanza li semgħet il-kawża. Din it-talba tiġi ppreżentata quddiem l-awtorità ta' eżekuzzjoni li jkollha l-ġuriżdizzjoni. L-uffiċjal ġudizzjarju jwettaq investigazzjoni sabiex jiddetermina d-dħul tad-debitur, l-assi u l-post ta' residenza fuq bażi *ex officio.* Jekk dan ma jkunx effettiv, il-pulizija, filwaqt li taġixxi fuq talba tal-uffiċjal ġudizzjarju, tieħu passi xierqa sabiex tiddetermina l-post ta' residenza u tax-xogħol tad-debitur. L-investigazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'intervalli ta' mhux aktar minn 6 xhur. F'każ li l-investigazzjoni tonqos milli tiddetermina l-introjtu jew l-assi tad-debitur, l-uffiċjal ġudizzjarju jitlob lill-qorti sabiex tordna lid-debitur jiżvela l-assi tiegħu. Jekk id-debitur ikun waqa' lura fil-pagamenti għal aktar minn sitt xhur, l-uffiċjal ġudizzjarju jitlob fuq bażi *ex officio* lir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali (Krajowy Rejestr Sądowy) sabiex id-debitur jiġi inkluż fil-lista ta' debituri insolventi. In-nuqqas li tiġi implimentata l-miżura ta' eżekuzzjoni ma jikkostitwixxix bażi għal sospensjoni tal-proċedimenti.

2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Skont l-Artikolu 758 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kwistjonijiet marbutin ma' eżekuzzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' qrati distrettwali u l-uffiċjali ġudizzjarji jaġixxu f'isimhom.

3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

Skont l-Artikolu 803 tal-Proċedura ta' Kodiċi Ċivili, titolu eżegwibbli jservi bħala bażi għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni fl-intier tagħha rigward il-kategoriji kollha tal-assi tad-debitur, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor. L-awtorità li teżegwixxi ma hijiex awtorizzata li teżamina l-validità u l-applikabbiltà tat-titolu eżegwibbli, li għalih japplika dan l-obbligu.

Bħala regola, il-klawżola ta' eżegwibbilità hija inkorporata fit-titolu eżegwibbli.

Skont l-Artikolu 777 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin huma meqjusa bħala titoli eżegwibbli:

is-sentenza tal-qorti finali jew eżegwibbli immedjatament u ftehimiet ta' soluzzjoni li jintlaħqu fil-qorti;

id-deċiżjoni finali jew eżegwibbli immedjatament minn skrivan ġudizzjarju anzjan (referendarz sądowy);

is-sentenzi oħrajn, ftehimiet ta' soluzzjoni u strumenti legali, li jiġu eżegwiti permezz eżekuzzjoni ġudizzjarja;

l-att notarili li permezz tiegħu d-debitur jikkonforma b'mod volontarju ma' miżura ta' eżekuzzjoni, li teħtieġlu jħallas ammont jew jagħti oġġetti speċifikati skont it-tip, fil-kwantità indikata fl-att, jew jagħti oġġetti speċifikati b'mod individwali, bil-kundizzjoni li l-att jiffissa data sa meta l-obbligu għandu jkun ġie sodisfatt jew jidentifika l-avveniment li għandu jseħħ sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni;

l-att notarili li permezz tiegħu d-debitur jikkonforma b'mod volontarju ma' miżura ta' eżekuzzjoni, li teħtieġlu jħallas l-ammont speċifikat fl-att jew speċifikat bil-klawżola ta' konnessjoni mal-indiċi, fejn l-att jidentifika l-avveniment li għandu jseħħ sabiex dan l-obbligu jiġi osservat u d-data sa meta l-kreditur jista' japplika sabiex klawżola ta' eżegwibbilità tiġi inkorporata fl-att;

l-att notarili speċifikat fil-paragrafi 4 u 5, li permezz tiegħu persuna li ma hijiex debitur personali, u li l-proprjetà, il-pretensjoni jew id-dritt tagħha huma ggravati minn ipoteka jew rahan, ikkonformat b'mod volontarju mal-azzjoni ta' eżekuzzjoni rigward il-proprjetà ipotekata jew mirhuna bil-għan li tissodisfa l-pretensjoni pekunarja garantita tal-kreditur.

Dikjarazzjoni tad-debitur ta' sottomissjoni volontarja għal eżekuzzjoni tista' ssir ukoll f'att notarili separat.

Ordnijiet tal-qorti validi li jinkorporaw klawżola ta' eżegwibbiltà jew huma eżegwibbli immedjatament biss (permezz ta' ordni ta' eżegwibbiltà immedjata maħruġa fuq bażi *ex officio* jew fuq talba ta' kwalunkwe parti għall-proċedimenti) jistgħu jikkostitwixxu titolu eżegwibbli. Att notarili huwa meqjus ekwivalenti għal titolu eżegwibbli, jekk ikun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u r-regoli notarili.

Titoli eżegwibbli oħrajn jinkludu: estratt mil-lista ta' pretensjonijiet fi proċeduri ta' falliment; ħlas bankarju validu u legali; pjan sabiex jiġu allokati somom miksuba minn preklużjoni; titolu bankarju eżegwibbli kif previst fil-liġi bankarja, iżda biss wara li l-qorti tkun inkorporat klawżola ta' eżegwibbiltà; sentenzi mogħtija minn qrati barranin u ftehimiet ta' soluzzjoni li ntlaħqu f'dawn il-qrati wara li jkunu ġew iddikjarati eżegwibbli minn qorti Pollakka. Sentenzi mogħtija mill-qrati ta' pajjiżi oħrajn fi kwistjonijiet ċivili li huma eżegwibbli permezz ta' eżekuzzjoni ġudizzjarja jitqiesu bħala titoli eżegwibbli wara li jkunu ġew iddikjarati eżegwibbli mill-qorti Pollakka. Dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ssir jekk is-sentenza kkonċernata tkun eżegwibbli fil-pajjiż ta' oriġini u jekk ma jkunx hemm ostakoli bħal dawk speċifikati fl-L-Artikolu 1146(1) u (2).

3.1 Il-proċedura

It-titolu eżegwibbli iservi bħala l-bażi sabiex jibdew il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni. Il-qorti tal-prim'istanza li tisma' l-kawża tinkorpora l-klawżola ta' eżegwibbiltà f'titoli eżegwibbli mogħtija minn qorti (l-Artikolu 781(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

It-talbiet għal klawżola ta' eżegwibbiltà li għandha tiġi inkorporata jiġu eżaminati mill-qorti mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn tlett ijiem wara s-sottomissjoni lill-korp li jkollu l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 781(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Klawżola ta' eżegwibbiltà hija inkorporata *ex officio* f'titoli maħruġa fil-proċedimenti li bdew jew setgħu bdew *ex officio*. Il-qorti tinkorpora klawżola ta' eżegwibbiltà f'ordnijiet ta' ħlas maħruġa fi proċedimenti b'rikors ġuramentat, li jsiru b'mod elettroniku fuq bażi *ex officio* immedjatament wara li jsiru finali (l-Artikolu 782 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Bħala regola, azzjoni ta' eżekuzzjoni tista' tinbeda fuq talba. Fil-proċedimenti li jistgħu jinbdew *ex officio*, il-proċedura ta' eżekuzzjoni tista' tinbeda *ex officio* fuq talba tal-qorti tal-prim'istanza li tisma' l-kawża ppreżentata quddiem il-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju (l-Artikolu 796(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Talba sabiex jibdew proċedimenti ta' eżekuzzjoni tista' tiġi ppreżentata mill-kreditur fil-qorti distrettwali li għandha l-ġuriżdizzjoni jew l-uffiċjal ġudizzjarju assenjat f'dik il-qorti. Din tista' tiġi ppreżentata wkoll minn awtoritajiet oħrajn (qorti jew prosekutur pubbliku fi kwistjonijiet marbutin ma' eżekuzzjoni ta' multi, penali finanzjarji, tariffi tal-qorti u spejjeż proċedurali dovuti lit-Teżor).

Bħala regola, it-talbiet sabiex jibdew proċedimenti ta' eżekuzzjoni isiru bil-miktub. Għandu jiġi mehmuż titolu eżegwibbli.

Ir-regoli li jirregolaw il-ġbir u l-ammont tat-tariffi huma stabbiliti fl-*Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji u l-Eżekuzzjoni (Ustawa o komornikach sądowych i egzekucji) tad-29 ta' Awwissu 1997* (Il-Ġurnal tal-Liġijiet Nru 133, il-partita 882, kif emendata). Skont l-Artikolu 43 ta' dan l-Att, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffi tal-eżekuzzjoni sabiex jeżegwixxi l-ordni tal-qorti u azzjonijiet oħrajn speċifikati fl-Att.

It-tariffi tal-eżekuzzjoni li ġejjin jinġabru:

sabiex tiġi eżegwita ordni sabiex jiġi żgurat il-ħlas ta' pretensjoni pekunarja jew ordni Ewropea tal-oreservazzjoni tal-kontijiet, it-tariffa hija ta' 2 % tal-valur tal-pretensjoni li għaliha huma previsti dawn il-miżuri, iżda ma tistax tkun ta' anqas minn 3 % tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar u mhux aktar minn ħames darbiet tal-ammont ta' din ir-remunerazzjoni. It-tariffa titħallas mill-kreditur meta jiġi ppreżentat ir-rikors għall-eżekuzzjoni tal-ordni sabiex jiġi żgurat il-ħlas jew tal-ordni Ewropea tal-preservazzjoni tal-kontijiet . Fil-każ li l-pagament ma jsirx meta tiġi ppreżentata t-talba, l-uffiċjal ġudizzjarju jagħti struzzjonijiet lill-kreditur biex jikkonforma mal-ordni fi żmien 7 ijiem. L-uffiċjal ma jinfurzax l-ordni biex jiġi garantit il-ħlas jew l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sakemm it-tariffa ma titħallasx.

Fi kwistjonijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet pekunarji, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal 15 % tal-pretensjoni eżegwita, iżda mhux anqas minn wieħed minn għaxra u mhux aktar minn tletin darba tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar. Madankollu, meta l-pretensjoni tiġi eżegwita permezz ta' kontijiet tal-bank, remunerazzjoni, benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew pagamenti li jsiru taħt dispożizzjonijiet li jirregolaw il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, il-benefiċċji għall-qgħad, il-pagamenti ta' inċentiv, il-boroż ta' studju jew l-allowances għal taħriġ, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal 8 % tal-valur tal-pretensjoni eżegwita, iżda mhux anqas minn wieħed minn għoxrin u mhux aktar minn għaxar darbiet tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar.

Fi kwistjonijiet li jinvolvu l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet pekunarji li jirriżultaw mit-twaqqif ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni fuq it-talba tal-kreditur u abbażi tal-Artikolu 824(1)(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal 5 % tal-valur tal-pretensjoni pendenti, iżda mhux anqas minn wieħed minn għaxra tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar u mhux aktar minn għaxar darbiet tal-ammont tar-remunerazzjoni. Madankollu, fil-każ ta' twaqqif tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni fuq talba ppreżentata mill-kreditur qabel ma d-debitur jingħata notifika ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni, l-uffiċjal ġudizzjarju jimponi tariffa proporzjonali fuq id-debitur ekwivalenti għal wieħed minn għaxra tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar.

Il-bidu tal-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet mhux pekunjarji u ordnijiet sabiex jiġu żgurati pretensjonijiet mhux pekunjarji huwa soġġett għal ħlas mill-kreditur ta' tariffa provviżorja ta' 10 % tar-rimunerazzjoni medja fix-xahar. It-tariffa finali hija ekwivalenti għal 20 % tar-remunerazzjoni medja ta' kull xahar u pagabbli fir-rigward ta': il-ksib tal-pussess ta' proprjetà immobbli u tneħħija ta' kwalunkwe assi mobbli minnha; in-negozji kummerċjali u industrijali huma meħtieġa jħallsu tariffa għal kull kamra li tifforma parti mill-bini tal-kumpanija; il-ħatra ta' amministratur għall-proprjetà immobbli jew għan-negozju u persuna li tieħu ħsieb sabiex tissorvelja l-proprjetà immobbli; it-tneħħija ta' oġġetti jew nies mill-bini, soġġetti għall-ħlas ta' tariffa separata għal kull kamra; is-sekwestru ta' oġġetti.

3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Azzjoni ta' eżekuzzjoni tinbeda permezz ta' rikors ippreżentat mill-kreditur b'titolu eżegwibbli mehmuż miegħu. Ir-rikors għandu jindika l-isem tad-debitur u jiddefinixxi l-mod kif se titwettaq l-eżekuzzjoni, jiġifieri billi jidentifika d-drittijiet ta' proprjetà inkwistjoni. Għall-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet marbuta ma' proprjetà, għandu jiġi indikat ukoll ir-Reġistru tal-Artijiet. Fil-każ ta' eżekuzzjoni li jinvolvi assi mobbli, ma hemmx il-ħtieġa ta' identifikazzjoni dettaljata ta' kull assi mobbli, minħabba li l-eżekuzzjoni tapplika għall-assi mobbli kollha tad-debitur.

4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Kull oġġett jew tagħmir li jifforma parti mill-assi tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal azzjoni ta' eżekuzzjoni, inkluża l-proprjetà mobbli, il-proprjetà immobbli, ir-remunerazzjoni għax-xogħol, il-kontijiet bankarji, sehem minn propjetà immobbli, opri tal-baħar u pretensjonijiet oħra u drittijiet tal-proprjetà tad-debitur.

L-Artikoli 829 sa 831 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jimponu ċerti restrizzjonijiet dwar it-tip ta' oġġett jew tagħmir li jistgħu jkunu soġġetti għall-eżekuzzjoni.

Taħt dawn id-dispożizzjonijiet, l-oġġetti jew it-tagħmir li ġejjin huma eżentati: oġġetti tad-dar, bjankerija, ħwejjeġ ta' taħt u ħwejjeġ ta' kuljum kif jista' jkun

meħtieġ b'mod raġonevoli sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi domestiċi tad-debitur u l-membri tal-familja dipendenti tiegħu, kif ukoll ħwejjeġ li jistgħu jkunu meħtieġa mid-debitur sabiex iwettaq id-dmirijiet professjonali jew pubbliċi tiegħu; ikel u provvisti ta' fjuwil kif jista' jkun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-debitur u l-membri dipendenti tal-familja tiegħu għal perjodu ta' xahar; għodod u strumenti oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa għad-debitur sabiex iwettaq ix-xogħol bi ħlas, u materja prima kif jista' jkun meħtieġ għall-proċess ta' produzzjoni għal perjodu ta' ġimgħa, minbarra vetturi bil-mutur.

Minbarra l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hemm regoli nazzjonali oħrajn li jiddefinixxu t-tipi ta' talbiet li huma eżentati mill-azzjoni ta' eżekuzzjoni u sa liema punt din l-eżenzjoni tapplika *(pereżempju l-Kodiċi tax-Xogħol (Kodeks pracy)* jiddefinixxi sa liema punt pagament ta' remunerazzjoni għax-xogħol jista' jiġi eżegwit).

4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

It-titolu eżegwibbli iservi bħala bażi għall-eżekuzzjoni tat-talba fl-intier tagħha, rigward l-assi kollha tal-assi tad-debitur, sakemm mhux stipulat mod ieħor.

Id-debituri huma intitolati sabiex jamministraw l-assi tagħhom, sakemm il-qorti ma ċċaħħadhomx minn dak id-dritt.

Ġaladarba l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ikunu bdew kontra **proprjetà mobbli**, l-uffiċjal ġudizzjarju jissekwestra l-proprjetà u jirreġistra ordni ta' sekwestru. L-effett tas-sekwestru huwa tali li l-ġestjoni tal-proprjetà immobbli sekwestrata ma taffettwax il-proċess tal-proċedimenti u l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni rigward il-proprjetà immobbli ssekwestrata jistgħu jsiru kontra x-xerrej. Madankollu, għal raġunijiet importanti, f'kull stadju tal-proċedimenti, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jċedi l-kontroll tal-assi mobbli ssekwestrati lil persuna oħra, li tista' tkun ukoll il-kreditur.

Jekk azzjoni ta' eżekuzzjoni titressaq għal **proprjetà immobbli**, l-uffiċjal ġudizzjarju l-ewwel jitlob lid-debitur sabiex iħallas id-dejn fi żmien ġimgħatejn, u fil-każ li jonqos li jagħmel dan jiipproċedi bid-deskrizzjoni u l-valutazzjoni tal-proprjetà. Il-ġestjoni tal-proprjetà immobbli wara s-sekwestru ma għandix impatt fuq l-andament futur tal-proċedimenti. Ix-xerrej jista' jieħu sehem fil-proċedimenti bħala debitur.

Meta d-debitur ikun mitlub sabiex **jastjeni**milli jieħu azzjoni jew jinterferixxi b'azzjoni li tkun ittieħdet mill-kreditur, fuq talba mill-kreditur, il-qorti timponi multa fuq id-debitur jekk dan jonqos milli jikkonforma ma' dan l-obbligu; id-debituri li jonqsu milli jħallsu l-multa huma soġġetti għal priġunerija.

4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?

Il-kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma tissuġġettax ir-rikorsi għal eżekuzzjoni għal limiti ta' żmien. Madankollu, skont il-liġi Pollakka, pretensjonijiet stabbiliti b' sentenza finali tal-qorti jew korp ieħor maħtur sabiex jisma' kawżi bħal dawn, jew b'deċiżjoni tal-qorti ta' arbitraġġ, jew pretensjonijiet stabbiliti permezz ta' ftehim milħuq quddiem qorti jew qorti ta' arbitraġġ, jew ftehim milħuq quddiem medjatur u approvat mill-qorti, ikunu preskritti wara perjodu ta' sitt snin, anke jekk it-terminu ta' preskrizzjoni għal pretensjonijiet bħal dawn huwa iqsar (l-Artikolu 125(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kodeks cywilny)). Jekk it-talba approvata tkopri l-obbligi perjodiċi, kull pretensjoni futura fir-rigward ta' obbligi perjodiċi tkun soġġetta għal preskrizzjoni ta' tliet snin.

Ir-rikorsi għal eżekuzzjoni jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit jekk ikunux konformi mar-rekwiżiti formali u l-kriterji ta' ammissibilità. In-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti speċifiċi jista' jwassal għar-rifjut tar-rikors jew ta' twaqqif tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

5 Hemm possibilità li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jappellaw kontra l-ordni tal-qorti sabiex tinkorpora klawżola ta' eżegwibbiltà.

Dawn ir-rimedji li ġejjin huma disponibbli fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni:

ilment kontra azzjoni mibdija minn uffiċjal ġudizzjarju (fil-qorti distrettwali; dan japplika wkoll għal ommissjonijiet mill-uffiċjal ġudizzjarju. L-ilment jista' jiġi ppreżentat minn parti fil-proċedimenti jew mill-persuna li d-drittijiet tagħha ġew miksura jew ipperikolati minn tali azzjoni jew ommissjoni min-naħa tal-uffiċjal ġudizzjarju. L-ilment irid jiġi ppreżentat mhux aktar minn ġimgħa wara l-jum li fih tkun inbdiet l-azzjoni jew minn meta l-persuna saret taf bl-ommissjoni);

appell kontra ordni tal-qorti sabiex tiġi inkorporata klawżola ta' eżegwibbiltà (l-Artikolu 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili – il-limitu ta' żmien sabiex jiġi ppreżentat l-appell jiġi kkalkulat, fil-każ ta' kreditur, mid-data li fiha l-kreditur ikun ingħata t-titolu eżegwibbli jew meta tkun nħarġet id-deċiżjoni ta' rifjut ta' eżekuzzjoni, jew, fil-każ ta' debitur, mid-data li fiha tkun waslet in-notifika li nbdew il-proċeduri ta' eżekuzzjoni);

appell kontra ordni tal-qorti li tiddikjara li l-ordni ta' ħlas Ewropea tkun eżegwibbli (Artikolu 795(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti f'każ ta' konkomitanza ta' eżekuzzjoni amministrattiva u eżekuzzjoni ġudizzjarja;

appell kontra ordni tal-qorti għal sospensjoni jew twaqqif tal-proċedimenti (l-Artikolu 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti għal-limitazzjoni tal-eżekuzzjoni (l-Artikolu 839 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

ordni tal-qorti li tillimita l-eżekuzzjoni u appell kontra din l-ordni (l-Artikolu 839 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

azzjonijiet mibdija mid-debitur sabiex jikkontesta l-miżuri ta' eżekuzzjoni (l-Artikoli 840 sa 843 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appelli kontra ordni tal-qorti għal rimborż tan-nefqa tal-persuna li tieħu ħsieb (l-Artikolu 859 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti dwar l-attivitajiet ta' deskrizzjoni u valutazzjoni matul il-preklużjoni;

ilment orali kontra azzjonijiet meħuda mill-uffiċjal ġudizzjarju fil-proċess ta' subbasta, ippreżentat quddiem il-korp superviżorju (l-Artikolu 986 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti għall-għoti ta' kuntratt (l-Artikolu 997 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

allegazzjonijiet rigward il-pjan ta' allokazzjoni għal ammonti rkuprati permezz ta' eżekuzzjoni (fi żmien ġimagħtejn min-notifika lill-awtorità ta' eżekuzzjoni li fasslet il-pjan (l-Artikolu 998 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili));

appell kontra ordni tal-qorti dwar allegazzjonijiet rigward il-pjan ta' allokazzjoni (l-Artikolu 1028 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

appell kontra ordni tal-qorti li tagħti struzzjoni lid-debitur sabiex jappella kontra ordni tal-qorti rigward l-eżenzjoni mis-sekwestru fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni li jinvolvu t-Teżor (l-Artikolu 1061(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Skont l-Artikolu 829 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin huma eżenti:

oġġetti tad-dar, bjankerija, ħwejjeġ ta' taħt u ħwejjeġ ta' kuljum kif jista' jkun meħtieġ b'mod raġonevoli sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi domestiċi tad-debitur u l-membri tal-familja dipendenti tiegħu, kif ukoll ħwejjeġ li jistgħu jkunu meħtieġa mid-debitur sabiex iwettaq id-dmirijiet professjonali jew pubbliċi tiegħu;

ikel u provvisti ta' fjuwil kif jista' jkun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-debitur u l-membri dipendenti tal-familja tiegħu għal perjodu ta' xahar;

baqra waħda, żewġ mogħżiet jew tliet nagħġiet meħtieġa għas-sussistenza tad-debitur u d-dipendenti tiegħu, bi provvista suffiċjenti ta' għalf u materjal għall-friex għal sopravivenza sal-ħsad li jmiss;

għodod u strumenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għad-debitur sabiex iwettaq ix-xogħol bi ħlas, u materja prima kif jista' jkun meħtieġ għall-proċess ta' produzzjoni għal perjodu ta' ġimgħa, minbarra vetturi bil-mutur;

fil-każ li debitur jirċievi remunerazzjoni fissa fuq bażi perjodika – ammont ta' remunerazzjoni li jikkorrispondi għall-parti mir-remunerazzjoni li ma hijiex soġġetta għal eżekuzzjoni għall-perjodu sad-data tal-pagament li jmiss u fil-każ li debitur li ma jirċevix remunerazzjoni fissa – ammont li jikkorrispondi għal mezzi ta' sussistenza għad-debitur u l-membri tal-familja tiegħu għal perjodu ta' ġimagħtejn;

oġġetti jew tagħmir meħtieġa għal finijiet edukattivi, dokumenti personali, dekorazzjonijiet u oġġetti użati għal prattika reliġjuża, kif ukoll oġġetti ta' kuljum li jistgħu jinbiegħu biss bi prezz ħafna inqas mill-valur oriġinali tagħhom, iżda b'livell għoli ta' valur ta' utilità għad-debitur;

fondi miżmuma fil-kont imsemmi fl-Artikolu 36(4a)(25) tal-*Att ta' Organizzazzjoni tas-Suq tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib tal-20 ta' April 2004 (Ustawa o organizacji rynku mleka i przetworów mlecznych)* (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-partiti 50 u 1272);

prodotti mediċinali fit-tifsira tal-*Att tal-Farmaċewtika tas-6 ta' Settembru 2001 (Prawo farmaceutyczne) (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2008, Nru 45, il-partita 271, kif emendat) meħtieġa sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb ta' entità tal-kura tas-saħħa fit-tifsira tad-dispożizzjonijiet dwar l-attività medika għal perjodu ta' tliet xhur, u l-apparat mediku meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tiegħu skont it-tifsira tal-Att dwar it-Tagħmir Mediku tal-20 ta' Mejju 2010 (Ustawa o wyrobach medycznych)* (il-Ġurnal tal-Liġijiet Nru 107, il-partita 679; 2011/102, il-partita 586; u 2011/113, il-partita 657);
oġġetti jew tagħmir meħtieġa minħabba diżabbiltà tal-parti tad-debitur jew ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-familja tiegħu jew tagħha.
Skont l-Artikolu 831(1), dawn li ġejjin huma eżenti:
il-ħlasijiet u l-benefiċċji *in natura* mwarrba sabiex ikopru l-ispejjeż jew l-ispejjeż tal-ivvjaġġar minħabba xogħol;
is-somom allokati mit-Teżor għal skopijiet speċjali (b'mod partikolari boroż ta' studju u skemi ta' appoġġ), sakemm il-pretensjoni eżegwita ma tkunx stabbilita għal dawn l-għanijiet jew tkun ir-riżultat ta' obbligi ta' manteniment;
ir-riżorsi mill-programmi ffinanzjati mill-fondi msemmija fl-Artikolu 5(1)(2) u (3) tal-*Att dwar il-Finanzi Pubbliċi tas-27 ta' Awwissu 2009 (Ustawa o finansach publicznych)* (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-partiti 885, 938 u 1646), sakemm il-pretensjoni eżegwita ma tkunx ġiet stabbilita għall-implimentazzjoni tal-proġett li għalih dawn il-fondi ġew allokati;
drittijiet inaljenabbli, sakemm ma jsirux trasferibbli skont il-ftehim, u s-servizzi pprovduti jistgħu jiġu eżegwiti jew l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jista' jiġi fdat lil entità oħra;
benefiċċji ta' assigurazzjoni personali u pretensjonijiet ta' assigurazzjoni tal-proprjetà, fil-limiti definiti, permezz ta' regolament, mill-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru tal-Ġustizzja; dan ma japplikax għal miżuri ta' eżekuzzjoni li jissodisfaw il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn obbligi ta' manteniment;
għajnuna soċjali fit-tifsira tal-*Att dwar l-Assistenza Soċjali tat-12 ta' Marzu 2004 (Ustawa o pomocy społecznej)* (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-punt 182, kif emendat);
ammonti pagabbli lid-debitur mill-baġit tal-Istat jew il-Fond Nazzjonali tas-Saħħa għall-għoti ta' benefiċċji tal-kura tas-saħħa fit-tifsira tal-*Att dwar il-Kura tas-Saħħa ffinanzjata Pubblikament tas-27 ta' Awwissu 2004 (Ustawa o świadczeniach opieki zdrowotnej finansowanych ze środków publicznych)* (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2008/164, il-partita 1027, kif emendat) qabel it-terminazzjoni ta' tali benefiċċji, f'ammont li jikkorrispondi għal 75 % ta' kull pagament, sakemm dawn ma jkunux pretensjonijiet mill-impjegati tad-debitur jew fornituri tal-kura tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 5(41)(a) u (b) tal-Att dwar il-Kura tas-Saħħa ffinanzjata Pubblikament tas-27 ta' Awwissu 2004.
Skont l-Artikolu 833(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ir-remunerazzjoni għax-xogħol hija eżegwibbli kif speċifikat fil-*Kodiċi tax-Xogħol tas-26 ta' Ġunju 1974* (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 1320). Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għal benefiċċji tal-qgħad, ħlas ta' inċentiv, boroż ta' studju u benefiċċji għal taħriġ, pagabbli taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol.
Skont l-Artikolu 87(1)(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, dawn l-ammonti ta' remunerazzjoni li ġejjin ma humiex soġġetti għal tnaqqis:
is-salarju minimu fiss stabbilit taħt dispożizzjonijiet separati, pagabbli lil persuni impjegati full-time, wara t-tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxi minn ras l-għajn, nieqes l-ammonti eżegwiti minn titoli eżegwibbli sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet minbarra ħlasijiet ta' manteniment;
75 % tar-remunerazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 – wara tnaqqis ta' pagamenti fi flus bil-quddiem mogħtija lill-impjegat;
90 % tar-remunerazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 – wara li jitnaqqsu l-multi previsti fl-Artikolu 108 tal-Kodiċi tax-Xogħol.
Jekk l-impjegat jaħdem fuq bażi part-time, l-ammonti jitnaqqsu b'mod proporzjonali għas-sigħat tax-xogħol.

Din il-paġna web hija parti minn L-Ewropa Tiegħek.
Nilqgħu l-feedback tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 08/07/2022
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.